# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 ta' Gunju, 2018.**

**Rikors Numru 965/2017 SM**

**Dorothy Tabone (K.I. 329258M) f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta':**

**Joseph Portelli (Passaport Awstraljan N7428832), ta' David Portelli (Passaport Awstraljan N4939133), ta' Patrick Portelli (Passaport Awstraljan N58000097), ta' Domenic Portelli (Passaport PA6328262) kif debitament awtorizzata;**

**Simone Caruana (K.I. 98851M) f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta':**

**Mary Grace Wagstaff (Passaport ingliz 104726984) ta' Mary Dolores Debono Alexander (Passaport 130860686), ta' Theresa Turns (Passaport 209372779), ta' Rita Horsey (Passaport 210282359), u ta' Antoinette Busuttil (K.I. 624248M) kif debitament awtorizzata;**

**u b'digriet tas-16 ta' Marzu, 2018, il-Qorti ordnat li Giles u Cheryl Fletcher jitnizzlu bhala atturi fil-kawza u fl-istess digriet ordnat li l-interessi ta' Jenifer Jasmin Joan Spiteri jigu mharsa mill-kuraturi deputati gia innominati minn din l-Qorti**

**Josephine Bonnici (K.I. 875845M); Marlene Scerri (K.I. 600444M); Kristina Allison Gouder (K.I. 53187M); Raymond Portelli (K.I. 738753M)**

**vs.**

**B'digriet tat-23 ta' Jannar, 2018, gew mahtura Dr. Mark A. Mifsud Cutajar LL.D. u l-prokuratur legali Marie Calire Bartolo bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Walter Portelli u lill-eredi mhux maghrufa ta' Francesco Formosa.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-20 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi huma komproprjetarji tal-fond 253, Triq San Gejtanu, l-Hamrun, (ara foll 10);

1.2. Illi skont l-iter ta' provenjenza tal-proprjeta` in dizamina kif riprodott fl-istess rikors promotur jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom sehem ta' 94.44% taghha, waqt li l-intimati ghandhom ir-rimanenti 5.56% tal-istess proprjeta`, (ara foll 3);

1.3. Illi ghalkemm ipprovaw jikkuntatjaw lill-intimati, fir-rigward, dan kien inutli;

1.4. Illi fil-prezent ir-rikorrenti qeghdin f'konvenju datat il-21 ta' Marzu, 2017, debitament registrat mal-Kummissarju tat-

Taxxi Interni skont il-ligi, (ara foll 76), liema konvenju kien regolament estit skont il-ligi, (ara foll 79);

1.5. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex jigu awtorizzata, ibieghu l-istess fond fuq riferit *ai termini* tal-artiklu 495 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16);

1.6. Illi l-istess rikorrenti ssodisfaw ir-rekwiziti fuqhom impost mill-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti;

1.7. Illi ghaldaqstant, talbu lill-qorti odjerna;

1.7.1. Tawtorizza l-bejgh tad-dar in dizamina, numru 253, Triq San Gejtanu, l-Hamrun, *ai termini* tal-konvenju fuq indikat;

1.7.2. Tistabbilixxi jum, hin u post meta jsir l-att ta' kompravendita de quo;

1.7.3. Tordna lill-Kuraturi Deputati intimati biex jidhru fuq l-att *de quo* in rapprezentanza tas-sidien intimati;

1.7.4. Tinnomina lin-Nutar Dottor Robert John Muscat biex jippubblika l-att ta' kompravendita *de quo*;

1.7.5. Tordna lir-rikorrenti biex jiddepozitaw is-sehem indiviz tal-intimati mhux maghrufa taht l-awtorita` tal-qorti wara li tithallas it-taxxa u l-ispejjez dovuti;

1.7.6. Taghti kull direzzjoni lin-Nutar fuq riferit rigwardanti s-sehem rikavat mill-bejgh tal-fond *de quo*;

1.7.7. Salv kull provediment iehor;

1.7.8. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat is-26 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu appuntat il-procedura *de quo* ghall-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati *nomine* datata l-15 ta' Frar, 2018, li permezz taghha irrispondew sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 181);

3.1. Illi mhumiex edotti mill-fatti;

3.2. Illi jirriservaw id-dritt ghal risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Rat il-verbal datat il-15 ta' Mejju, 2018, li ghar-raguni hemm indikata ddifferit il-procedura de quo ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi x-xhieda prodotta mir-rikorrenti essenzjalment jikkonfermaw il-fatti kif esposti minnhom fir-rikors guramentat promotur;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-premess tqis li r-rikorrenti ipprovaw konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

8.2. Tawtorizza lir-rikorrenti jbieghu d-dar numru 253, Triq San Gejtanu, l-Hamrun lil Jonathan Portelli, *ai termini* tal-konvenju fuq indikat datat il-21 ta' Marzu, 2017, u kif sussegwentement estiz;

8.3. Tinnomina lin-Nutar Dr. Robert John Muscat biex jippubblika l-att ta' kompravendita in dizamina fl-edifizzju ta' din il-qorti;

8.4. Tawtorizza lin-Nutar indikat fil-paragrafu precedenti biex jaghmel dak hekk hemm indikat fi zmien mhux aktar tard minn sitt (6) xhur millum, u fil-hin minnu maghzul;

8.5. Tordna lill-istess Kuraturi Deputati fuq indikati biex jidhru u jirrapprezentaw lis-sidien intimati mhux maghrufu jew mhux rintraccabbli fl-att ta' trasferiment in kwistjoni u fuq kull att iehor in konnessjoni mal-istess;

8.6. Tawtorizza lir-rikorrenti biex jiddepozitaw is-sehem indiviz li jmiss lill-intimati *de quo* mill-proprjeta` taht l-awtorita` ta' din il-qorti, u dan wara li tithallas it-taxxa dovuta u jithallsu l-ispejjez kollha relattivi, inkluzi dawk rigwardanti l-Kuraturi Deputati *de quo*;

8.7. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**